# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020**

**Numru 3**

**Rikors numru 85/17 RGM**

**Mark Formosa**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fis-17 ta' Ottubru, 2017 ir-rikorrent li kien ġie sospiż mill-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu bħala impjegat mas-servizz pubbliku ai termini tar-regolament 13(4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina, u li kien qiegħed jirċievi biss nofs is-salarju. Ir-rikorrent fittex dikjarazzjoni li s-sospensjoni u tnaqqis ta' nofs is-salarju sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl-artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedemu u l-artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni.

2. L-intimat ikkontesta t-talba tar-rikorrent permezz ta' tweġiba li ppreżenta fil-31 ta' Ottubru, 2017 (fol. 17).

3. B'sentenza tas-27 ta' Ġunju, 2019 il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent li jaqraw:

> *"1. Tiddikjara li s-sospensjoni tal-esponenti mill-ezercizzju tas-setghat u tal- funzjonijiet tal-kariga tieghu kif ukoll it-tnaqqis tas-salarju bin-nofs hekk kif fuq spjegat inkwantu tali azzjoni qeghda ssir skont ir-Regolamenti 13 et. Seq. Tar-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is- Servizz Pubbliku u ghalhekk l-istess Regolamenti jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif sanciti mil-Artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u Libertajiet u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u*
>
> "*2.Konsegwentament tipprovdi rimedju*".

4. Il-fatti l-iktar rilevanti huma:-

i. Ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Director (Projects and Development). Hu impjegat fis-servizz pubbliku fil-grad ta' Senior Principal.

ii. Irriżulta li l-pulizija qegħda tinvestiga l-operat tal-uffiċċju li jifforma parti minnu r-rikorrent (ara deposiżżjoni tal-Ispettur Yvonne Farrugia li qalet li hemm ukoll inkjesta li qegħda titmexxa minn Maġistrat).

iii. B'ittra tas-27 ta' Lulju, 2017 is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' Għawdex għarraf lir-rikorrent li kien *'infurmat illi int qed tiġi investigat mill-Pulizija',* u għalhekk issospendih *"mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħek b'effett mil-lum 27 ta' Lulju 2017 sakemm tiġi approvata s-sospensjoni prekawzjonarja tiegħek"*.

iv. B'ittra tas-27 ta' Lulju, 2017 li s-segretarju permanenti bagħat lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, irrakomanda li r-rikorrenti għandu jkun sospiż bi prekawzjoni. Rakkomandazzjoni li saret minħabba s-segwenti raġunijiet:-

> *"- the correlation between the investigation and the officer's duties;*
> *- The officer would be placed in a conflict of interest as a result of the allegations made against him, if he continues to perform his duties;*
> *- Other members of staff or the general public would be put at risk, if the officer continues to perform his duties;*
> *- The officer would be in a position to tamper with any evidence in the Department's possession and/or any witnesses in the case might be subejct to influence or intimidation, if the officer continues to report for his duties;*
> *- The necessity to uphold public confidence in the Department which is particularly sensitive to such public confidence"*.

v. Fit-3 ta' Awissu, 2017 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għamlet rakkomandazzjoni lill-Prim'Ministru sabiex ir-rikorrent ikun *"suspended for precautionary purposes from the powers and functions of his office"*.

vi. B'ittra datata 15 ta' Diċembru, 2017 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku infurmat lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' Għawdex li jekk fi żmien xahar ma jkunux inbdew proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u tnejn min-nies oħra, *"... the precautionary suspension will be lifted without prejudice to it being re-imposed if charges would be formally brought against them at a later stage"*.

vii. B'email datata 5 ta' Jannar, 2018 is-Segretarju Permanenti bagħat igħarraf lill-Kummissjoni li l-Ministeru ta' Għawdex kien qiegħed jipproponi li s-sospensjoni prekawzjonarja titneħħa u r-rikorrent jintbagħat jaħdem Gozo College.

viii. Fil-11 ta' Jannar, 2018 il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjoni lill-Prim'Ministru li titneħħa s-sospensjoni ta' prekawzjoni, bla preġudizzju li terġa tidħol fis-seħħ f'każ ta' proċeduri kriminali.

ix. B'email datata 20 ta' April, 2018 is-Segretarju Permanenti għarraf lir-rikorrent li l-perjodu ta' impieg fil-kariga Director (Projects and Development) kien skada. Għalhekk kien ser imur lura għall-grad li kellu qabel, dik ta' Senior Principal li kellu qabel.

x. B'email oħra datata 23 ta' April, 2018 id-Direttur Ġenerali fid-Directorate General (Operations) infurmat lir-rikorrent li ma kellux jedd li

jirċievi *allowances* matul il-perjodu li kien sospiż; *"This as per section 2.5 of the Manual Allowances whereby, "Allowances are paid for actual work performed and they should be immediately withheld when such work is not being performed"*.

xi. B'rikors preżentat fis-17 ta' Ottubru, 2017 ir-rikorrent talab lill-Prim'Awla sabiex:-

> *"Tiddikjara li s-sospensjoni tal-esponenti mill-eserċizzju tas-setgħat u l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu kif ukoll it-tnaqqis tas-salarju bin-nofs hekk kif fuq spejgat in kwantu tali azzjoni qiegħed ssir skont ir-Regolamenti 13 et. Seq. tar-Regolamenti tal-Proċedura Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u għalhekk l-istess Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif sanċiti mill-Artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u Libertajiet u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta"*.

xii. Sal-lum ma jirriżultax li ttieħdu xi proċeduri ta' dixxiplina kontra r-rikorrent, jew ġie akkużat f'Qorti.

xiii. Il-Qorti fehmet ukoll li s'issa r-rikorrent għadu ma rċeviex lura nofs is-salarju li kien inżamm matul il-perjodu ta' sospensjoni. F'email datata 23 ta' April, 2018 li d-Direttur Ġenerali bagħatet lir-rikorrent, infurmatu: *"On the other hand, the salary witheld from you during the period in which you were suspended may only be refunded in the case that you are acquitted of the charges instituted against you. The decision on whether the half salary witheld should be forfeited or refunded, lies within the discretion of the PSC, following the outcome of the criminal proceedings"*.

5. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti fir-rigward:-

i. Tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u 36 tal-Kostituzzjoni kien li:

*"Applikati dawn il-konsiderazzjonijiet għall-każ in diżamina, il-Qorti ssib li r- rikorrent ma seħħlux jipprova illi ġie trattat b'mod inuman u degradanti fit- termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Huwa minnu illi s-sospensjoni mix-xogħol immankabilment toħloq toqol fuq ir-rikorrent mhux biss finanzjarju iżda wkoll psikoloġiku. Pero' dak li minnu kien għaddej ir-rikorrent fiż-żmien li intavola l-kawża odjerna, ma jikwalifikax bħala trattament inuman u degradanti intenzjonalment kommess sabiex ikisser lir-rikorrent fiżikament u psikoloġikament. Għalkemm ir-rikorrent jallega li dan l-episodju kellu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tiegħu peress li ismu ġie mxandar in konnessjoni mal-investigazzjoni, l-istess rikorrent naqas milli jġib l-iċken prova fir-rigward. Wieħed kien jistenna li fuq tali allegazzjoni ta' lanqas ir-rikorrent iressaq xi prova tax-xandir ta' ismu minnu allegat. Fi kwalunkwe kaz ix-xandir ta' isem f'ċirkostanzi bħal ta' dan il-każ ma jistgħux jitqiesu bħala trattament inuman jew degradanti. Ġie sodisfaċentement ippruvat illi la s-Segretarju Permanenti u lanqas il-Pulizija ma aġixxew kif aġixxew sabiex jagħmlu xi pressjoni illeċita fuq ir-rikorrent. Ir-rikorrent ma jikkontestax li fil-jum li fih ġie sospiż mix-xogħol b'mod prekawzjonarju effetivament kien hemm inkjesta maġisterjali għaddejja proprju fuq l-operat tal-istess rikorrent u ta' uffiċjali oħra. Tant hu hekk illi saru tfittxijiet mhux biss fl-uffiċju dipartimentali tar-rikorrent iżda wkoll fid- dar tiegħu fejn fiż-żewġ postijiet ġew elevati il-komputers li kien juża l-istess rikorrent. Ir-rikorrent jallega li hu ma kienx investigat. Il-provi juru mod iehor.*

*Fiż-żmien li bdiet l-Inkjesta Maġisterjali fl-operat tad-Dipartiment tal- Proġetti u Toroq f'Għawdex ir-rikorrent kien jokkupa l-ogħla kariga, dik ta' Direttur. Hija xi ftit jew wisq insjegabbli kif ir-rikorrent, għaliex isostni li huwa ma għamel xejn ħażin, jinsisti li kellu jitħalla fil-post minnu okkupat filwaqt li għaddejja inkjesta maġisterjali u investigazzjoni mill-pulizija proprju fuq id-dipartiment li huwa kien imexxi u fuq l-operat tieghu u ta' ohrajn fl-istess dipartiment.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-pretensjoni tar-rikorrent li ġarrab ksur ta' dritt fundamentali rigward ħelsien minn trattament inuman u degradanti, hekk kif sanċit permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet*

*tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdu rispettivament is-segwenti ma hiex fondata u qed tiġi respinta".*

ii. Tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni kien:

*"Eżaminati l-provi mressqa il-Qorti hi tal-fehma illi fiż-żmien li ġie sospiż b'mod prekawzjonarju, ir-rikorrent kien qed imexxi dipartiment li jippartecipa direttament fl-ezercizzju tas-setgħa vestita bid-dritt pubbliku u li l-materja in kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat u tinċidi fuq ir- rabta speċjali ta' fiduċja u lealta`.*

*Huwa wkoll evidenti illi bis-sospensjoni prekawzjonarja li minnha qed jilmenta r-rikorrent ma ġew deċizi definittivament l-ebda drittijiet ċivili tiegħu.*

*Jirriżulta, u mhux kontestat mir-rikorrent, illi s-Segretarju Permanenti fil- Ministeru għal Għawdex mexa skond ir-* ***Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (****Ligi Sussidjarja Kost. 03) li inter alia jipprovdu kif ġej:-*

***Regolament 12.***

*"(1) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir- responsabbiltà tiegħu -*

*(a) jista' jkun ikkommetta reat dixxiplinari serju; jew*

*(b) hi meħtieġa aktar investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk hux il-każ li jinbdew proċedimenti dixxiplinari jew kriminali; jew*

*(ċ) ser jinġieb quddiem il-qorti jew qed jiġi investigat jew ġie arrestat mill- pulizija b'konnessjoni ma' reat kriminali, u l-Kap ta' Dipartiment jidhirlu li hu meħtieġ u li jkun fl-interess pubbliku li l-uffiċjal jiġi sospiż mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, huwa għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni għas- sospensjoni prekawzjonarja tal-uffiċjal, filwaqt li jagħti raġunijiet għad- deċiżjoni li jkun ħa.*

*(2) Il-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment u għandha tirrakkomanda lill-Prim Ministru jekk l-uffiċjal għandux jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji jew le.*

*(3) Il-Kap ta' Dipartiment jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas- setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, għal għanijiet*

*prekawzjonarji, sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal- Kummissjoni.*

*(4) Fil-każ li t-talba għas-sospensjoni ma tiġix awtorizzata mill-Kummissjoni, l-uffiċjal sospiż għandu minnufih jerġa' jissejjaħ lura għax-xogħol u għandu jingħata lura dak is-salarju li jkun inżamm matul il-perjodu tas-sospensjoni prekawzjonarja.*

*(5) Uffiċjal pubbliku li jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji għandu jirċievi nofs is-salarju tiegħu kemm-il darba l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kap tas-Servizz Pubbliku, ma tapprovax li huwa jirċievi proporzjon ogħla tas-salarju.*

*(6) Jekk il-proċedimenti dixxiplinari jew kriminali ma jwasslux għat-tkeċċija tal-uffiċjal, jew għal kwalunkwe piena oħra, l-uffiċjal ikollu l-jedd għall- ammont sħiħ ta' salarju li mod ieħor kien jirċievi li kieku ma kienx ġie sospiż għal għanijiet prekawzjonarji. Jekk il-kastig ikun xort'oħra, u mhux tkeċċija, huwa jista' jingħata lura dak il-proporzjon mis-salarju li jkun inżamm bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu kif rakkomandat mill-Kummissjoni. Jekk il-kastig ikun tkeċċija, l-uffiċjal għandu jitlef is-salarju li jkun inżamm minħabba fis-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu".*

*Ir-rikorrent ġie sospiż b'mod prekawzjonarju fis-27 ta' Lulju 2017. L-ittra ta' sospensjoni iffirmata mis-Segretarju Permanenti taqra kif ġej:-*

***"SOSPENSJONI SAKEMM TIGI APPROVATA S-SOSPENSJONI PREKAWZJONARJA.***

*Ninsab infurmat illi inti qed tigi investigat mill-Pulizija.*

*Skond ma jipprovdi r-Regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina jien qed nissospendik mill-ezerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħek b'effett mil-lum 27 ta' Lulju 2017 sakemm tiġi approvata s-sospensjoni prekawzjonarja tiegħek.*

*Matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħek inti għandek tirċievi nofs is- salarju tiegħek. F'każ li s-sospensjoni prekawzjonarja tiegħek ma tiġix awtorizzata inti terġa tissejjaħ lura għax-xogħol u tingħata lura s-salarju li jkun nżammlek matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħek."*

*Fit-3 ta' Awissu 2017 il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku irrakkomandat lill-Prim Ministru sabiex "Mr Mark Formosa (ID 327891M), Director (Projects and Development), Ministry for Gozo, be suspended for precautionary purposes from the powers and functions of his office."*

*Is-sospensjoni prekawzjonarja ġiet approvata mill-Prim' Ministru fil-21 ta' Awissu 2017.*

*L-Inkjesta Maġisterjali għada pendenti u r-rikorrent ma tressaqx il-Qorti. F'Diċembru 2017, erba' xhur wara li s-sospensjoni prekawzjonarja ġiet approvata mill-Prim' Ministru, il-PSC ikkomunikat mas-Segretarju Permanenti sabiex ir-rikorrent ikun jista' jerġa jibda jaħdem f'Ministeru/dipartiment differenti minn dak li kien qed jiġi indagat. Għalhekk is-sospensjoni prekawzjonarja tneħħiet u r-rikorrent beda jaħdem fil-Gozo College b'effett minn Jannar 2018 filwaqt li l-PSC irrizervat il-posizzjoni tagħha għall-eventwalita' li r-rikorrent jitressaq 'il Qorti. Peress li l-kuntratt ta' Direttur li kellu r-rikorrent skada, huwa waqa' għas-substantive grade tieghu mas-servizz pubbliku, dak ta' Grade 6.*

*Fl-ebda stadju tal-proċedura adoperata mis-Segretarju Permanenti u mill- Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ma ġie deċiz jew meqjus li r-rikorrent huwa ħati ta' xi reat. Tant hu hekk illi kienet l-istess Kummissjoni għas- Servizz Pubbliku li meta irriżultalha li l-inkjesta maġisterjali kienet għadha pendenti iżda r-rikorrent ma tressaqx, iddeċidiet li r-rikorrent jiddaħħal lura għax-xogħol iżda f'dipartment governattiv ieħor. Dan kollu sar bis-saħħa tar- Regolamenti li dwarhom ir-rikorrent ressaq l-ilment kostituzzjonali.*

*Ir-rikorrent jilmenta illi r-Regolamenti in dizamina ma jagħtux id-dritt lil min ikun ser jiġi sospiż b'mod prekawzjonarju milli jinstema. Tali allegazzjoni għandha mill-kontradittorju. Jekk għaddejja inkjesta maġisterjali proprju fuq l-operat tal-istess rikorrent bħala kap ta' dipartiment governattiv, ikun proċeduralment skorrett li l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku iżżomm seduta mar-rikorrent sabiex jiskolpa ruħu. Il-Qorti tinnota illi għalkemm ir- rikorrent għamel emfasi kbira li huwa leżiv tad-dritt fundamentali tiegħu li ma nstemax mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, ma jagħti l-ebda spjegazzjoni x'informazzjoni kien ser jgħaddilha li setgħat twassal għal miżura differenti.*

*Illi r-rikorrent jirreferi wkoll għal fatt li ġie vjolat il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u dan billi ġie sospiż mix-xogħol tiegħu meta ma hemm l-ebda akkużi fil-konfront tiegħu. Min-naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jiddefendi s- sospensjoni billi jispeċifika li l-jedd ta' smigħ xieraq huwa applikabbli biss '(i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil- kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni'. Ikompli jispjega li l-ilment tar-rikorrenti ma jaqa' taħt l-ebda minn*

*dawn iċ-ċirkostanzi u li l-artikoli ta' smigħ xieraq ma japplikawx għaliex ir-rikorrent m'huwiex akkużat b'xi reat kriminali u lanqas hemm pendenti proċeduri quddiem xi Qorti jew Tribunal.*

*Il-Qorti tikkonkludi illi r-Regolamenti 13 et. seq. tar-Regolamenti tal- Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma humiex lesivi tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif protett bl-artikolu 6 tal- Konvenzjoni u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u għalhekk tirrespinġi tali pretensjoni bħala infondata".*

iii. Fir-rigward tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni:

*"Illi nonostante li fir-rikors promotur ir-rikorrent jitlob lil din il-Qorti sabiex issib ksur tad-drittijiet tiegħu sanċiti taħt l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, huwa jonqos milli jispjega kif dan l-artikolu ġie leż. Għal kull buon fini l-Qorti sejra tirriproduċi dan l-artikolu hawn taħt:*

*(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal- piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.*

*Huwa evidenti illi l-Artikolu 7 bl-ebda mod ma hu applikabbli għal każ odjern"*.

6. Fir-rikors tal-appell, ir-rikorrent ilmenta li kien ikkastigat u preġudikat mingħajr ebda ħtija. L-artikolu:

i. 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi, *"No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment"*.

ii. 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi: *"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti"*.

7. Ir-rikorrent jikkontesta s-sospensjoni prekawżjonarja tiegħu, u qal li m'huwiex ġustifikat li persuna *"…. tiġi awtomatikament sospiża mill-impieg tagħha"*, mingħajr ma tkun offruta impieg alternattiv fis-servizz pubbliku. Jekk dak ma kienx possibbli, m'huwiex ġust li, *"… persuna tinqatala' ħsesrem nofs paga u titlef allowances u kif ukoll ma tingħatax interessi fuq il-paga li tkun ġiet sospiża"*.

8. Fis-sentenza **Hovhannisyan v. Armenia** (18419/13) tad-19 ta' Lulju, 2018 il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet:

> *"48. The Court reiterates at the outset that ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is relative: it depends on all the circumstances of the case, such as the nature and context of the treatment, its duration, its physical and mental effects and, in some instances, the sex, age and state of health of the victim (see, for example, Bouyid v. Belgium [GC], no. 23380/09, § 86, ECHR 2015; M. and M. v. Croatia, no. 10161/13, § 131, 3 September 2015); and D.M.D. v. Romania, no. 23022/13, § 40, 3 October 2017.*
>
> *49. Treatment has been held by the Court to be 'degrading – and thus to fall within the scope of the prohibition set out in Article 3 of the Convention – if it causes in its victim feelings of fear, anguish and inferiority (see, for example, Ireland v. the United Kingdom, 18 January 1978, § 167, Series A no. 25, and Stanev v. Bulgaria [GC], no. 36760/06, § 203, ECHR 2012), if it humiliates or debases an individual (humiliation in the victim's own eyes, see Raninen v. Finland, 16 December 1997, § 32, Reports of Judgments and Decisions 1997-VIII, and/or in other people's eyes, see Gutsanovi v. Bulgaria, no. 34529/10, § 136, ECHR 2013 (extracts)), whether or not that was the aim (see Labita v. Italy [GC], no. 26772/95, § 120, ECHR 2000-IV), if it breaks the person's physical or moral resistance or drives him or her to act against his or her will or conscience (see Jalloh v. Germany [GC], no. 54810/00, § 68, ECHR 2006-IX), or if it shows a lack of respect for, or diminishes, human dignity (see Svinarenko and Slyadnev v.*

*Russia [GC], nos. 32541/08 and 43441/08, §§ 118 and 138, 17 July 2014)".*

9. Imbagħad fis-sentenza **Nicolae Virgiliu Tanase v. Romania** (41720/13) tal-25 ta' Ġunju, 2019 il-Grand Chamber tal-istess Qorti qalet:

*"116. In its examination of whether a person has been "subjected to ... treatment" that is "inhuman or degrading" within the meaning of Article 3, the Court's general approach has been to emphasise that the* ***treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of this provision****. The assessment of that level is relative and depends on all the circumstances of the case, principally the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see* Muršić v. Croatia *[GC], no. 7334/13, § 97, 20 October 2016;* Paposhvili v. Belgium *[GC], no. 41738/10, § 174, 13 December 2016; and* Khlaifia and Others v. Italy *[GC], no. 16483/12, § 159, 15 December 2016).*

*117. In order to determine whether the threshold of severity has been reached, the Court may also take other factors into consideration, in particular:* ***the purpose for which the ill-treatment was inflicted, together with the intention or motivation behind it****, although the absence of an intention to humiliate or debase the victim cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3; the context in which the ill-treatment was inflicted, such as an atmosphere of heightened tension and emotions; and whether the victim was in a vulnerable situation (see* Khlaifia and Others*, cited above, § 160, with further references).*

*118. Subjecting a person to ill-treatment that attains such a minimum level of severity usually involves actual bodily injury or intense physical or mental suffering. However, even in the absence of those characteristics,* ***where treatment humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for or diminishing his or her human dignity, or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance, it may be characterised as degrading*** *and also fall within the prohibition set forth in Article 3. It may well suffice that the victim is humiliated in his own eyes, even if not in the eyes of others (see* Bouyid*, cited above, § 87, with further references)".*

10. Il-Qorti trid tagħmilha ċara li b'riferenza għal dak li ser jingħad, ma jfissirx li l-artikolu 3 ma jsibx applikazzjoni fil-post tax-xogħol. Dan minkejja li hu kunċett relattivament ġdid fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea (ara per eżempju s-sentenza **Hovhannisyan v. Armenia**, numru 18419/13 tad-19 ta' Lulju, 2018).

11. Minn dak li xehedet l-Ispettur Yvonne Farrugia (ara l-atti li bihom ir-rikorrent talab lill-ewwel qorti sabiex tagħti rimedju provizorju), jirriżulta li hemm inkjesta maġisterjali li l-qorti fehmet li tinvolvi t-taqsima li fiha r-rikorrent kien Direttur. Ix-xhud ftit li xejn tat tagħrif. Skont John Borg, Segretarju Permanenti, l-inkjesta għandha x'taqsam ma' l-għoti ta' *tenders* relatati ma' toroq f'Għawdex. Ovvjament il-prinċipal tar-rikorrent m'għandu l-ebda kontroll fuq l-inkjesta maġisterjali li għaddejja.

12. F'dan il-każ ir-rikorrent ibbaża l-ilment tiegħu fuq l-artikolu 13(4) tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.06).[1] Il-qorti tibda biex tirriproduċi dak li jipprovdi regolament 13(4):

> *"(3) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu ser jitressaq il-qorti jew qed jiġi investigatjew ġie arrestat mill-pulizija f'konnessjoni ma' reat kriminali li huta' natura li x'aktarx twassal għal azzjoni dixxiplinarja, hu għanduminnufih jirrapporta l-fatti lill-Kummissjoni b'rakkomandazzjoni, bir-raġunijiet għaliha, jekk l-uffiċjal għandux jiġi sospiż jew legħal għanijiet prekawzjonarji mill-eżerċizzju tas-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu. Ma għandhom jittieħdu l-ebda*

[1] Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.03.

*proċedimentidixxiplinari kontra dak l-uffiċjal għal xi raġuni involuta fl-akkużakriminali qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali u s-sentenza fl-appell. Għandha tintbagħat kopja tar-rapport mibgħut lill-Kummissjoni mill-Kap ta' Dipartiment lill-uffiċjal li jkungħaddej minn proċedimenti kriminali".*

13. Subinċiż (4) tal-istess regolament jipprovdi:

*"Meta l-Kap tad-Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal għandu jiġi sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni, huwa jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim'Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni".*

14. Hu veru li l-Ispettur Farrugia ma qalitx li l-inkjesta hi dwar l-operat tar-rikorrent. Fir-rikors tal-appell, ir-rikorrent argumenta li l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra biss x'qalet l-Ispettur Farrugia. Pero' x-xhud qalet ftit li xejn, u baqgħet tgħid li hemm l-inkjesta tal-Maġistrat u ma tistax tagħti tagħrif. Pero' għandu jkun ovvju li ġialadarba r-rikorrent hu l-kap ta' dik it-taqsima li dwarha qegħda ssir l-inkjesta, qiegħed jiġi mistħarreġ ukoll l-aġir tiegħu bħala direttur. Fil-fatt ir-rikorrent stess ikkonferma li l-pulizija kienu:

*"**Ġew ifittxu ġol-uffiċċju, fittxew il-karti kollha u mbagħad morna d-dar tiegħi u fittxew id-dar ukoll, ħadu t-tablet tal-mara, ħadu l-laptop tax-xogħol** u bażikament bqajna hekk u minn dakinhar 'l hawn ma kellmuni xejn, bqajt in limbo"* .[2]

15. Minn dawk il-fatti hu għalhekk evidenti li r-rikorrent ukoll qiegħed jiġi investigat, minkejja li jinsisti li m'huwiex.

[2] Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2017.

16. Irriżulta li r-rikorrent dam sospiż mis-27 ta' Lulju, 2017 sakemm tneħħiet l-ordni, li l-qorti fehmet li kien matul Jannar, 2018. B'hekk ġie li r-rikorrent dam sospiż ftit iktar minn ħames xhur. Dan apparti li meta daħal lura għax-xogħol kien *deployed* f'post tax-xogħol differenti. Jidher li l-investigazzjoni għadha ma ngħalqitx, għalkemm ma jirriżultax li s'issa tressqu xi nies il-Qorti.

17. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi li s-segretarju permanenti sab ma' wiċċu, id-deċiżjoni li r-rikorrent ikun sospiż bi prekawżjoni jista' jikkwalifika bħala trattament inuman u degradenti. Wara kollox ir-rikorrent kien il-kap tat-taqsima li dwarha bdiet l-inkjesta maġisterjali. L-istess raġunament japplika dwar id-deċiżjoni li biha r-rikorrent kien trasferit f'dipartiment ieħor. Deċiżjoni li ttieħdet wara li tneħħiet is-sospensjoni prekawzjonarja.

18. Sabiex trattament ikun inuman jrid jikkawża b'mod deliberat sofferanza mentali u fiżika severa jew ħsara fil-ġisem. F'dan il-każ is-sospensjoni tar-rikorrent mix-xogħol damet ftit iktar minn ħames (5) xhur, u dan minħabba l-inkjesta maġisterjali li titratta t-taqsima li tagħħa r-rikorrent kien il-kap. Ir-rikorrent ma spjegax b'mod li jikkonvinċi lill-Qorti, kif bażat fuq it-tagħrif li kellu l-prinċipal, id-deċiżjoni ta' sospensjoni ma kellha qatt tittieħed.

19. Ir-rikorrent isostni li kien vittma ta' trattament inuman u degradenti minħabba li ġie *'ittimbrat'*. Fatt li fil-fehma tiegħu hu fih innifsu degradenti. Bis-sospensjoni r-rikorrent ma ġiex 'ittimbrat' li għamel xi ħaġa ħażina. Is-sospensjoni ma kinitx miżura dixxiplinarja. Mill-provi rriżulta x'wassal lill-prinċipal biex japplika s-sospensjoni prekawzjonarja fil-konfront tar-rikorrent (ara l-ittra tas-27 ta' Lulju, 2017). M'hemm l-ebda prova li s-segretarju permanenti ikkonkluda li r-rikorrent hu ħati ta' reat. Dan apparti, li r-rikorrent ma kienx l-unika persuna li ġiet sospiża (ara email datata 5 ta' Jannar, 2018 a fol. 36).

20. Hu fatt li mid-data li r-rikorrent ġie sospiż sad-data li tneħħiet is-sospensjoni, ir-rikorrent kien qiegħed jirċievi biss nofs is-salarju. Pero' l-Qorti m'għandhiex biżżejjed tagħrif biex tkun tista' tasal għal xi fehma dwar jekk l-ordni sabiex ir-rikorrent jingħata biss nofs is-salarju matul il-perjodu ta' sospensjoni, kienx ikkaġuna ħsara lis-saħħa fiżika jew mentali tar-rikorrent li kien jilħaq il-livell minimu ta' severita biex jaqa' taħt l-artikolu 3. Il-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-provi li jressqu l-partijiet. Ir-rikorrent ma ressaqx provi dwar x'kien is-salarju tiegħu bħala direttur u l-konsegwenzi li kellha fuqu l-ordni li jingħata biss nofs is-salarju. Hekk per eżempju għalkemm semma li kellu *'loans'*, ma tax tagħrif dwar fhix jikkonsistu. Lanqas ma ressaq provi dwar il-*hardship* li hu u l-familja setgħu sofrew b'riżultat tal-ordni li jitħallas biss nofs is-salarju. Dan apparti li skont ir-regolamenti l-Kummissjoni tista' tapprova li impjegat

sospiż jirċievi *"proporzjon ogħla tas-salarju"* (regolament 12(5)). Ma jirriżultax li r-rikorrent għamel xi talba sabiex matul is-sospensjoni prekawzjonarja jirċievi proporzjon ogħla mis-salarju.

21. Irriżulta li sal-lum ir-rikorrent għadu ma ngħatax nofs is-salarju li nżammlu b'effett mis-27 ta' Lulju, 2017. Inoltre, għadhom ma ttieħdux proċeduri ta' dixxiplina jew proċeduri kriminali u lanqas m'għandu tagħrif dwar x'sar mill-inkjesta maġisterjali. Issa għaddew iktar minn sentejn minn meta s-sospensjoni tneħħiet u r-rikorrent intbagħat jaħdem f'dipartiment ieħor. Madankollu sal-lum jidher li l-posizzjoni li ħadu l-awtoritajiet hi li nofs is-salarju miżmum jingħata lilu lura wara jkun hemm deċiżjoni dwar il-proċeduri dixxiplinari jew kriminali. Pero' sal-lum m'hemmx indikazzjoni hux ser ikun hemm proċedimenti dixxiplinari jew kriminali. Madankollu f'dan il-każ ukoll għal finijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, tapplika l-istess konsiderazzjoni li saret fil-paragrafu preċedenti.

22. Fit-tieni aggravju r-rikorrent jilmenta li kien ikun ġust li jingħata udjenza u jinstema' qabel tinħareġ ordna ta' sospensjoni prekawazjonarja. F'dan l-aggravju r-rikorrent jilmenta li hemm leżjoni ta' smigħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Isostni, *"Li kieku ġara hekk, żgur li s-sospensjoni ma kinitx isseħħ u fl-agħar ipoteżi kien jiġi trasferit mill-ewwel f'Dipartiment ieħor mingħajr ma jsofri l-effetti*

*detrimentali li huwa sofra u li qed ikompli jsofri"*. Semma li kieku ingħata l-opportunita' li jinstema' kien iressaq:

i. Lill-Ispettur Yvonne Farrugia sabiex tixhed sabiex juri li ma kienx qiegħed jiġi investigat.

ii. Prova li bis-sospensjoni saret diskriminazzjoni għaliex għalkemm waqt l-investigazzjoni ittieħdu kompjuters ta' ħaddieħor, dawk it-terzi ma kinux sospiżi.

iii. Prova li nies oħra f'kariga għolja fid-Dipartiment, ma kinux sospiżi.

iv. Prova li minflok ikun sospiż seta' jintbagħat f'Dipartiment jew Ministeru ieħor mingħajr ma jkun sospiż u jitlef il-paga.

23. Is-sospensjoni prekawzjonarja per se ma kinitx miżura ta' dixxiplina. Min-naħa l-oħra hu evidenti li qabel ittieħdet dik id-deċiżjoni, ir-rikorrent ma ngħatax l-opportunita' li jagħti l-fehmiet tiegħu. Ir-regolamenti m'humiex jikkontemplew espressament li qabel il-Kap tad-Dipartiment jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni, ir-rikorrent għandu jintalab jagħti l-fehma tiegħu. Pero' lanqas m'hemm regolament li jżomm lill-Kap tad-Dipartiment milli jagħti lill-impjegat żmien qasir sabiex jagħti l-fehma tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, għandu jkun *good practise* li qabel il-

Kap tad-Dipartiment jagħmel ir-rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, jagħti l-opportunita lill-impjegat sabiex jagħti l-fehma tiegħu. Dan meta tikkunsidra l-konsegwenzi li għandha sospensjoni prekawzjonarja fuq l-impjegat. Li f'dak l-istadju r-rikorrent jippretendi li kellu jsir xi proċess ta' smiegħ ta' xhieda bil-garanziji li joffri smigħ xieraq skont l-artikolu 6(1) (ara paragrafu 3 tar-rikors tal-appell), ma jreġix. Dik hi materja li taqa' fl-aspett kuntrattwali tal-impieg tar-rikorrent. Is-sospensjoni prekawzjonarja per se ma tinvolvix id-determinazzjoni ta' dritt ċivili, kontemplat taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Hekk per eżempju l-każ **Grace Gatt v Malta** (numru 46466/16) deċiż b'sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-8 ta' Ottubru, 2019 kien differenti. Każ li kien jitratta t-tkeċċija ta' pulizija. Il-Qorti rraġunat:

> *"59. However, the Court has consistently held that disciplinary proceedings in which **the right to continue to exercise a profession is at stake** gives rise to 'contestations' (disputes) over civil rights within the meaning of Article 6(1) (see, inter alia, Konig v. Germany, 28 June 1978, 87-95, series A no. 27 and Di Giovanni v. Itgaly, no. 51160/06 36, 9 July 2013). It has not been disputed that the dispute concerned a right recognised in domestic law"*.

24. Il-prinċipal bilfors irid igawdi minn diskrezzjoni meta jkollu jiddeċiedi jekk jirrakomandax li fiċ-ċirkostanzi tal-każ li jkollu quddiemu, l-impjegat jkun sospiż temporanjament. Ovvjament imbagħad jidher li m'hemm xejn x'iżomm lill-impjegat milli jikkontesta dik is-sospensjoni quddiem qorti. Dan apparti li f'dan il-każ il-perjodu ta' sospensjoni ma kienx wieħed irraġonevoli, u lanqas m'hemm prova li matul dak il-perjodu r-rikorrent

talab lill-prinċipal sabiex jagħtih permess biex jagħmel xogħol ieħor u t-talba kienet miċħuda.

25. Pero' hu fatt li s-sospensjoni ġabet magħha tnaqqis konsiderevoli fis-salarju tar-rikorrent. Ir-regolamenti jikkontemplaw tali tnaqqis. Regolament 12(5):

> *"(5) Uffiċjal, pubbliku li jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji,* ***għandu jirċievi nofs is-salarju*** *tiegħu kemm-il darba l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kap tas-Servizz Pubbliku, ma tapprovax li huwa jirċievi proporzjon ogħla tas-salarju".*

26. Disposizzjoni li ma tipprovdix lill-impjegat b'opportunita' li jagħti l-fehma tiegħu għalfejn m'għandux jitnaqqas nofs is-salarju.

27. Wieħed irid japprezza li dik id-disposizzjoni taf twassal għal sitwazzjoni fejn l-impjegat jitqiegħed f'diffikulta' finanzjarja għal żmien mhux qasir u għal żmien indefinit. Saħanistra, fil-każ in eżami sal-lum għad m'hemmx ħjiel x'sar mill-inkjesta maġisterjali u minkejja t-trapass ta' żmien għadhom lanqas ma ttieħdu xi passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent. Sal-lum ir-rikorrent għadu mingħajr nofs is-salarju għall-perjodu li matulu kien taħt sospensjoni prekawzjonarja. B'email datata 23 ta' April, 2018 li d-Direttur Ġenerali fid-Directorate General (Operations) fil-Ministeru ta' Għawdex bagħtet lir-rikorrent, infurmatu:

> *"On the other hand,* ***the salary*** *witheld from you during the period in which you were suspended* ***may only be refunded in the case that you are acquitted of the charges instituted against you****".*

28. B’hekk hu evidenti li r-rikorrent ser jibqa’ mingħajr nofs is-salarju sakemm forsi xi darba, jiġi *“acquitted of the charges instituted against you”*. Dan meta ma tressqet l-ebda prova li nħarġu xi *‘charges’* kontrih u m’hemm l-ebda prova li ser jibdew proċeduri kriminali. Lanqas m’hemm l-iċken prova li jeżisti suspett raġonevoli li r-rikorrent wettaq reat.

29. Inoltre, mir-regolament 12(5) hu evidenti li t-tnaqqis ta’ nofs is-salarju hi konsegwenza awtomatika tas-sospensjoni prekawzjonarjara. Ma jirriżultax li r-rikorrent ingħata xi opportunita’ li jispjega ruħu u jagħti l-fehma tiegħu dwar it-tnaqqis ta’ salarju, qabel daħlet fis-seħħ dik il-konsegwenza.

30. Dwar impieg mas-servizz pubbliku u l-applikazzjoni tal-artikolu 6(1), il-ġurisprudenza żviluppat biż-żmien;

> *“To its credit, after less than a decade of applying Pellegrin, the Court revised its approach again. In Vilho Eskelin v Finland, in place of the Pellegrin functional test, the Court introduced a new two part test, with a different emphasis and starting from the presumption that Article 6 does apply. For it not to do so, first, ‘the state in its national law must have expressly excluded access to a court for the post or category of staff in question’. Second, where this condition is met, Article 6 nonetheless still applies unless the national law exclusion is justified on ‘objective grounds’. These ‘grounds’ must relate not to the nature of the public servant’s employment, as under Pellegrin, but the ‘subject matter of the dispute’ between the public servant and the state, with the latter being required to show that the dispute ‘is related to the exercise of state power or that it has called into question the special bond’ referred to by the Court in Pellegrin.* ***Thus, even though there is no right of access to a court in national law in respect of such disputes, Article 6 will apply – and access to a court***

> ***compliant with it will be required - to 'ordinary labour disputes, such as those relating to salaries, allowance or similar entitlements', regardless of the nature of the employment or status of the public servant (as diplomat, judge, etc).*** *In the Vilho Eskilen case, which concerned a salary dispute between the applicant policemen, who were civil servants, and the state, the government's defence fell at the furst hurdle, as the applicants did have a right of access to a court to decide the dispute in national law. Even if this had not been the case, Article 6 would have applied because the dipsute was an 'ordinary labour dispute'".*[3]

31. Imbagħad fis-sentenza **Grace Gatt v Malta** tat-8 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet:-

> *"60. In the light of the fact that the applicant was a police officer, the Court must, however, consider the civil nature of the dispute, in line with the test set out in Vilho Eskelinen and Others v.Finland ([GC], no. 63235/00, ECHR 2007-II). In brief, in order for the respondent State to be able to rely before the Court on the applicant's status as a civil servant in excluding the protection embodied in Article 6, two conditions must be fulfilled.* ***Firstly, the State in its national law must have expressly excluded access to a court for the post or category of staff in question. Secondly, the exclusion must be justified on objective grounds in the State's interest.*** *The mere fact that the applicant is in a sector or department which participates in the exercise of power conferred by public law is not in itself decisive.* ***There will, in effect, be a presumption that Article 6 applies. It will be for the respondent Government to demonstrate, firstly, that a civil-servant applicant does not have a right of access to a court under national law and, secondly, that the exclusion of the rights under Article 6 for the civil servant is justified*** *(§ 62).*

32. Għaldaqstant sabiex l-Istat ikun jista' jargumenta b'suċċess li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ma japplikax għall-impjegat tas-servizz pubbliku, irid jissodisfa żewġ kundizzjonijiet:

---

[3] Harris, O'Boyle & Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights*, Tieni Edizzjoni paġna 221.

i. Fil-liġi domestika jrid ikun espressament eskluda aċċess għall-qorti għall-uffiċċju jew kategorija ta' impjegati li fiha jkun ir-rikorrent; u

ii. L-esklużjoni tkun ġustifikata għal raġunijiet oġġettivi fl-interess tal-Istat;

33. Għalhekk m'huwiex biżżejjed li l-ewwel Qorti kkonkludiet li fiż-żmien meta r-rikorrent kien sospiż, *".... kien imexxi dipartiment li jipparteċipa direttament fl-eżerċizzju tas-setgħa vestita bid-dritt pubbliku u li l-materja in kontestazzjoni hija relatata mal-eżerċizzju tas-setgħa tal-Istat u tinċidi fuq ir-rabta speċjali ta' fiduċja u lealta"* (paġna 26 tas-sentenza).

34. F'dan il-każ l-ewwel kundizzjoni li ssemmiet fis-sentenza *Vilho Eskelin,* m'hijiex sodisfatta. Għaldaqstant, m'huwiex validu l-argument li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ma japplikax għaliex ir-rikorrent impjegat mas-servizz pubbliku.

35. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti ma jidhirx li saru konsiderazzjonijiet dwar l-ilment tar-rikorrent li matul il-perjodu ta' sospensjoni ma kienx qiegħed jirċievi nofs is-salarju. It-tnaqqis ta' nofs is-salarju hi deċiżjoni li tolqot id-dritt tar-rikorrent li jirċievi s-salarju sħiħ tiegħu waqt il-perjodu ta' sospensjoni prekawzjonarja. Tnaqqis ta' nofs is-salarju jista' jiġi

kkunsidrat bħala imposizzjoni ta' penali qabel l-impjegat ikun instab ħati ta' reat jew *misconduct* li jimmerita tkeċċija. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li:

i. M'hemmx provi li r-rikorrent għamel xi ħaġa ħażina;

ii. F'kull każ ir-rikorrent għandu favur tiegħu l-preżunzjoni tal-innoċenza;

iii. Ma kinitx l-għażla tiegħu li jieqaf milli jkompli jwettaq id-dmirijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol;

iv. Qabel ittieħdet id-deċiżjoni, ma nstemax.

36. Hi l-liġi stess li tikkontempla t-tnaqqis ta' nofs is-salarju, sakemm il-Kummissjoni ma tawtorizzax il-ħlas ta' proporzjon ikbar. Miżura *interim* u r-regolamenti stess jipprovdu li f'każ ta' tkeċċija, l-uffiċjal pubbliku jitlef dik il-parti tas-salarju li tinżamm minħabba s-sospensjoni prekawzjonarja. Miżura li tidher intiża sabiex il-Gvern ikollu garanzija f'idejh sakemm jinqatgħu l-proċedimenti dixxiplinari jew kriminali, u b'hekk jevita li f'każ ta' sejbien ta' ħtija u tkeċċija tal-impjegat joqgħod iħarrku sabiex jitħallas lura nofs is-salarju. F'dan il-każ is-sospensjoni kienet fis-seħħ għall-perjodu relattivament qasir ta' ħames (5) xhur.

37. Għalkemm dik il-konsegwenza hi temporanja, tfisser ukoll perjodu mhux qasir ta' inċertezza għal min isib ruħu fis-sitwazzjoni tar-rikorrent.

Sal-lum ir-rikorrent għadu ma jafx jekk u meta ser jirċievi s-salarju li kien inżammlu b'effett tas-sospensjoni prekawzjonarja li damet għal iktar minn ħames xhur. Il-fatt li r-rikorrent kien impjegat, kien jintitolah għas-salarju. Mill-provi ma jirriżultax li qabel tittieħed id-deċiżjoni ta' sospensjoni prekawzjonarja, sar xi eżerċizzju sabiex jiġi determinat jekk id-deċiżjoni ta' tnaqqis ta' nofs is-salarju tal-impjegat, hijiex raġonevoli jew le fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dan meta s-salarju hu dritt ekonomiku tal-impjegat u sal-lum m'hemmx prova waħda li r-rikorrent wettaq xi reat jew hu ħati ta' xi *misconduct*. Il-fatt li għaddejja inkjesta b'maġistrat u nġabar kompjuter mir-residenza tar-rikorrent, m'humiex prova suffiċjenti li r-rikorrent għamel xi ħaġa ħażina. Saħansitra ma jirriżultax li sal-lum ittieħdet proċedura ta' dixxiplina kontra r-rikorrent.

38. Il-qorti tikkonkludi li jeżisti dritt ċivili skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li dwaru hemm kwistjoni (ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' **Benkessiouer v France** tal-24 ta' Awissu, 1998 fejn is-salarju tal-impjegat kien ġie sospiż wara li ġiet miċħuda talba għall-estensjoni tal-perjodu ta' *sick leave*).

39. Hu minnu li fl-istadju tas-sospensjoni m'huwiex jiġi determinat b'mod defenittiv jekk l-impjegat għandux jedd għas-salarju miżmum b'konsegwenza tas-sospensjoni prekawzjonarja. Mill-provi lanqas ma jirriżulta li r-rikorrent għamel talba sabiex jingħata proporzjon ikbar min-

nofs is-salarju. Pero' hu evidenti li dak ir-regolament ma jeżiġix li r-rikorrent jingħata smigħ qabel jibda jkun miżmum nofs is-salarju tal-impjegat. Hi l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku li effettivament tirrakomanda lill-Prim'Ministru x'għandu jsir, u l-Prim'Ministru jkollu jiddeċiedi skont dik ir-rakkomandazzjoni. Mal-ħruġ ta' ordni ta' sospensjoni temporanja, nofs is-salarju tal-impjegat jibda jinżamm mingħajr l-impjegat ikun ingħata l-opportunita jispjega għalfejn m'għandux jitnaqqas is-salarju. Lanqas m'hemm prova li mal-ħruġ tal-ordni, ir-rikorrent ingħata permess sabiex fl-*interim period* ikun jista' jsib impieg bi qliegħ. Bħala impjegat tas-servizz pubbliku r-rikorrent ma jistax ikollu impieg ieħor jekk mhux bil-permess tas-superjuri tiegħu.

40. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti tikkonkludi li r-regolament 12(5) tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kiser il-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

41. Fil-fehma tal-Qorti fiċ-ċirkostanzi hu floku li r-rimedju jkun li r-rikorrent jitħallas lura s-salarju li tnaqqaslu fil-perjodu ta' sospensjoni prekawzjonarja, flimkien ma' imgħax ta' 5% li fil-fehma tal-Qorti hi rata ta' imgħax ġusta għat-telf li sofra r-rikorrent meta tikkunsidra x'seta' għamel bil-flus.

42. It-tielet aggravju jikkonċerna l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent isostni li b'riżultat tas-sospensjoni tilef nofs is-salarju, l-imgħax u wkoll mas-sebat elef euro (€7,000) f'*allowances* li qal li m'huwiex ser jirkupra lanqas jekk ma jinstab xejn dwaru.

43. L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

> *"1. No one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a crimininal offence under under national or international law at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed".*

44. Bis-sospensjoni prekawzjonarja li wasslet għat-tnaqqis ta' nofs is-salarju, ir-rikorrent ma nstabx ħati ta' reat. Is-sospensjoni prekawzjonarja ma kinitx miżura ordnata wara *'conviction'* ta' reat. F'dik l-ordni m'hemmx sejbien ta' ħtija. Artikolu 7 japplika biss fejn ir-rikorrent ikun instab ħati ta' reat. Għaldaqstant, dak l-ilment hu nfondat.

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-27 ta' Ġunju, 2019 billi:

i. Tiddikjara li r-regolament 12(5) tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 06) jilledi l-jedd tar-rikorrent għas-smigħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

ii. Tikkundanna lir-rikorrent sabiex iħallas lir-rikorrent nofs is-salarju li tnaqqslu bis-saħħa tal-imsemmija disposizzjoni, b'imgħax ta' 5% mid-data ta' kull meta kienet dovuta dik il-parti tas-salarju miżmuma.

Għall-kumplament tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet peress li kull parti ħareġ tellief u rebbieħ fuq punti differenti li ġew deċiżi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb